MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2007

Talba Numru. 393/2006

**Lufthansa Technik Malta Limited C30022**

**Vs**

**Jonathan Vella I.D. 311386M**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fit-28 ta’ April 2006, fejn intalab illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas s-somma ta’ elf, erba` mija u tmienja u sebghin Liri Maltin u hdax il-centezmu (Lm1,478.11) rapprezentanti penali dovuti minnhu in konsegwenza ghall-abbandun ta’ apprentistat li kien kopert b’kuntratt definittiv. Bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tal-prezentata tal-avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-**Risposta** tal-konvenut ta' l-1 ta' Settembru 2006, fejn gie eccepit, illi t-talbiet huma nfondati kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt u dan minhabba l-fatt illi r-rikorrent ma soffriet ebda danni ghax tal-flus li hallset lill-intimat l-istess intimat kienet suppost qed jigi mharreg kif ukoll kien jahdem xoghol li ma kellu bzonn ebda training u ghalhekk ir-rikorrent hadet servizz mill-intimat. Illi parti mix-xoghol li kellu jaghmel l-esponenti kien jikkonsisti billi jassisti l-istorekeeper liema xoghol ma kellu x'jaqsam xejn mat-tahrig ghax l-esponenti dahal ghal-kors ta' technician. Illi waqt il-perjodu tax-xoghol ma kienx jinghata tahrig tajjeb imma kien jaghmel xoghol ta' maintenance tal-hanger billi kien jisbogh l-art jisbogh l-iscaffolding u affarijiet simili. Illi l-esponenti kellu paga biss ta' tmienja u hamsin centezmu (0.58) fis-siegha u ghalhekk zgur thallas in-nieqes aktar u aktar peress illi l-esponenti hadem tmien (8) xhur u studja ghall-erba xhur. Illi l-esponenti kellu raguni sufficjenti ghax telaq mix-xoghol u dawn ser jigu spjegati aktar fid-dettal waqt l-ismiegh tal-kawza. Illi r-rikorrent riedu igieghlu lill-intimat li jiffirma dokument fejn jigi responsabbli ghax-xoghol li wettaq taht it-tahrig li kien qieghed jaghmel meta l-esponenti kien Apprendistat Tekniku u mhux Trainee Technician.

Bl-ispejjes kontra r-rikorrenti li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Sema` x-xhieda kollha prodotti u ra d-dokumenti kollha esebiti.

Sema` t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet u ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghad-decizjoni.

**Ikkunsidra** :

Illi s-socjeta` attrici qed titlob s-somma ta' elf, erba` mija u tmienja u sebghin Liri Maltin (Lm1478.11) rapprezentanti "*nofs il-valur tal-pagi jew salarji li kien jiehu l-konvenut kieku baqa` mal-kuntratt*" (Anthony DeGiovanni – 26.03.07). B'zieda ma' dan issir referenza ghad-dikjarazzjoni (mhux kontestata) ta' Dr Claudine Zarb maghmula fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2007 :

*Dr Claudine Zarb tiddikjara b'referenza ghal prospett Dok ADXI li d-dettalji ta' hlasijiet hemmek msemmija huma riferibbli biss u limitatament ghal hlasijiet li kienu jkunu dovuti mill-Lufthansa jew mis-socjeta` attrici kieku l-konvenut kompla l-apprentestat kollu, b'dan illi huma eskluzi kull ammonti li kien jircievi l-istess kovenut etc.*

Illi jirrizulta illi l-apprentistat kien ghall-perjodu ta' tlett sinin li bdew mill-25 ta' Ottubru 2006 – vide Dok AD – fol 18;

Illi f'Settembru/Ottubru 2005, il-konvenut iddecieda illi jittermina l-kuntratt – Dok AD – u fi kliem is-socjeta` attrici – dan ghamlu ghax "*dejjem xtaq illi jmur lura ghall-ewwel ghazla tieghu illi kienet Computer Studies. Haga illi spjegali illi ma kienx ghamel peress illi ma kellux kwalifiki bizzejjed. Pero` gharrafni wkoll illi f'dak il-perjodu li dam maghna kien gab il-kwalifika necessarja u li allura xtaq jaghmel dak il-kors*" – (Anthony DeGiovanni - 15.11.06).

Illi s-socjeta` attrici qieset dan bhala abbuz – li uzha sakemm igib il-kwalifiki u li kien ha post haddiehor, b'dan illi l-kumpanija kienet ser tispicca bin-nieqes, in kwantu nies impjegati.

Anthony DeGiovanni in rapprezentanza tas-socjeta` attrici jghid (26.03.07) illi s-socjeta` attrici uzat il-principju stabbilit ghall-kuntratti definiti tax-xoghol sabiex tavvanza l-pretensjoni odjerna.

Illi l-istess socjeta` attrici tikkonferma (16.05.07) "*ohrajn illi ma komplewx il-kors …….trattajnihom bl-istess mod*".

Illi l-konvenut xehed (16.05.07) u qal illi "*fuq il-post tax-xoghol kellu problema ghax kien hemm Operations Manager li kien jghidli lingwagg mhux xieraq, bhal kliem oxxen*". B'dana kollu jirrizulta illi l-konvenut kien ta' l-eta` ta' 18 il-sena, qatt ma rrapporta "*ghax kont ghadni zghir u kont qed nibza*" u li lilu din saret darba biss (f'perjodu ta' sena).

It-Tribunal irid qabel xejn jghid pero` illi darba jew mitt darba – agir bhal dan jibqa` hazin u kundannabbli.

Il-konvenut jghid wkoll illi "*hassejt illi ma` kienx qed jaghti dak il-frott, illi kont hadt kors zbaljat*". Jghid wkoll illi kellu jumejn zmien biss sabiex jara l-kuntratt qabel ma ffirmah, u li "*l-kundizzjonijiet jiena kont qrajthom, pero` ma jfissirx li kont fhimt kollox*". Jiddikjara wkoll illi "*kont jiena li ghazilt illi nitlaq minn dan l-apprentistat*".

**Ikkunsidra ulterjorment** :

Illi l-Artikolu 2 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta jiddefinixxi "*kuntratt ta' servizz u kuntratt ta' Impjieg …… u jinkludi fl-istess definizzjoni anke ftehim ta' apprentistat*".

Illi l-ftehim Dok AD (fol 18) jghid fost ohrajn illi "*ftehim ta' apprentistat jista` jithassar biss mill-korporazzjoni fuq it-talba bil-miktub mill-partijiet tal-ftehim wara prova ta' kawza tajba u xierqa*".

Illi l-kundizzjonijiet ta' l-apprentistat mbaghad, fl-Artikolu 11 tieghu, jghid illi l-"*Provisions of Act No XXVIII of 1980 shall apply for the administration of termination of apprenticeship…..*"

Illi t-Tribunal ha konjizzjoni anke tal-Artikolu 42 tal-Kap 343 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidra ulterjorment** :

Illi b'korrispondenza (fol 30 u fol 32) l-ETC cahhdet l-allegazzjonijiet tal-konvenut, izda l-konvenut (fol 33) sostna l-posizzjoni tieghu u ddecida illi jittermina l-ftehim ta' apprentistat.

Illi t-Tribunal mhux sodisfatt illi l-konvenut kellhu ragunijiet validi biex jiehu l-azzjoni unilaterali li ha in kwantu illi ma rnexxielu jipprova xejn mill-allegazzjonijiet tieghu li skond hu – jiggustifikaw l-agir tieghu.

Illi fix-xhieda tieghu l-konvenut lanqas ma cahad jew ikkontradixxa dak sostnut mill-kumpanija attrici – ossia illi fis-sena li dam maghha kien gab il-kwalifiki u allura xtaq jibda l-kors preferit tieghu – Computer Studies.

Illi bbazat fuq dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, wkoll illi l-prospett Dok ADXI (fol 41) bl-ebda mod mhu kkontestat jew kontradett, it-Tribunal ihoss illi t-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti.

Illi fuq kollox mhux giust u ekwu illi ghal kors ta' apprentistat f'qasam tant specjalizzat bhal ma hija Aero Space Engineering, fejn l-applikazzjonijiet ikunu hafna imma l-vakanzi ftit, jittiehdu l-postijiet minn min hux veru nteressat jaghmel karriera mill-istess kors/apprentist. It-Tribunal jasal biex jghid illi dak ikun agir egoistiku ta' min biex jinqeda` hu – jhassar opportunita` lill-haddiehor. It-Tribunal jikkundanna agir bhal dan u jrid jaghti messagg illi kuntratt ta' apprentistat bhal dan odjern ghandu jittiehed bl-akbar serjeta` sabiex ma jkunux mohlija opportunitajiet li jista` jkollu minn min verament ikun interessat.

Ghaldaqstant, fid-dawl ta' dan kollu, wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, it-Tribunal b'ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjonjiet tal-konvenut, jilqa` t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf, erba` mija u tmienja u sebghin Liri Maltin u hdax il-centezmu (Lm1478.11) ghar-ragunijiet hawn fuq msemmija, bl-ispejjes u bl-imghax kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------